# NINU CREMONA

*Ta'* JOSEPH ZAMMIT

F'dil-ġurnata, ja Ninu Cremona,
Jiena ngħanni din l-għanja għalik
Għaliex wara li bnejtli 'l Ilsieni,
Jixraq lilek xi ħaġa nagħtik.
Il-lum inti għalaqt tmenin sena,
Għalhekk dan hu għalik jum wisq kbir.
Nieħu mela f'dal-jum l-okkażjoni
Biex minn qalbi nagħtik it-tifħir.
Kemm batejt u tjassart inti f'ħajtek
Biex tgħallimni tal-Malti l-Ilsien!
Dan nafhulek u nibqa', Cremona,
Mhux biss jien, 'ma kulħadd tul iż-żmien.
Lilna tajtna dak kollu li kellek.
Għaraqt, ħdimt mingħajr ebda serħan.
Għalhekk aħna f'dal-jum nixtiqulek
Għomor twil li fih tgħix wisq ferħan.